**15 ta' Marzu, 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. V.R. Sammut B.A., LL.D.,**

Elena Borg, xebba

*versus*

Victor Casolani et noe.

**Legat — Imgħaxijiet — Art. 765 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Legat li effettivament ipproduċa imgħaxijiet jew frottijiet għandu jitħallas bl-imgħaxijiet jew frottijiet mid-data tal-mewt tat-testatur mingħajr bżonn ta' sejħa ġudizzjarja.*

*Din is-sejħa ġudizzjarja hi neċessarja għad-dekorriment tal-imgħaxijiet meta l-legat ikun ta' ħaġa li tista' tipproduċi frutti, iżda li fil-fatt ma pproduċiethomx.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress illi b'żewġ testmenti ppubblikati minn Nutar Paul Pullicino fis-27 ta' Lulju, 1961 u fit-3 ta' Awissu, 1962, (Dok: A u B) il-mejjet John Fleri ħalla legat lill-attriċi tal-għamara tal-kamra tas-sodda ta' fejn kienet toqgħod meta kienet seftura miegħu u ta' tlett elef lira (£3,000), bl-ordni li jkunu eżenti mit-taxxa tas-suċċessjoni — talbet illi l-konvenuti jiġu ordnati minn dina l-Qorti jimmettu lill-attriċi fil-pussess tal-għamara imħolli lilha b'legat kif fuq indikat, fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn din il-Qorti u 2) ikkundannati jħallsu lill-istess attriċi s-somma ta' tlett elef lira (£3,000) bl-interessi bħala pagament tal-legat imħolli lilha bl-imsemmija testmenti bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

OMISSIS;

Tikkunsidra:

Illi fit-testment tiegħu ppubblikat minn Nutar Paul Pullicino (Dok: A, fol: 5 tal-proċess), il-mejjet John Fleri ħalla b'titolu ta' legat lill-attriċi l-għamara tal-kamra fejn kienet torqod;

Fl-istess testment ħallielha legat ta' £2,000 bħala eżenti mill-ħlas tat-taxxa tas-suċċessjoni jekk din tkun dovuta, jiġifieri kellha toħodhom netti, u fit-tieni testment tiegħu (Dok: B, fol: 8 tal-proċess) awmenta dan il-legat bi £1,000 oħra, b'mod illi sar £3,000;

Fis-seduta ta' l-20 ta' Frar, 1965, l-attriċi dehret quddiem il-Qorti u ddikjarat illi hija rċeviet dik il-ġimgħa stess, (iġifieri wara li saret il-kawża) l-għamara msemmija fiċ-ċitazzjoni u għalhekk irrinunzjat, kif jidher mill-verbal fol: 16 tal-proċess, għat-talba in kwantu tolqot l-għamara, salvi l-ispejjeż;

Għaldaqstant ma hemmx lok li tiġi provduta l-ewwel talba kwantu għall-meritu tagħha, billi din tinsab rinunzjata.

Dwar it-tieni talba, ċjoè, dik tal-pagament tal-legat ta' tlett elef lira netti, jiġi osservat illi t-talba hija għall-pagament ta' dan l-ammont bl-imgħax, u fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti l-avukat ta' l-attriċi ssottometta illi l-imgħax għandhom jibdew jgħaddu mill-ġurnata tal-mewt tat-testatur (25 ta' Novembru, 1962).

In sostenn ta' din il-pretensjoni ta' l-attriċi ġi ċitat, is-subartikolu (b) ta' l-art. 765 tal-Kodiċi Ċivili, skond liema l-imgħaxijiet jew il-frottijiet tal-ħaġa mħollija legat jibdew jgħaddu favur il-legatarju minnufih wara l-mewt tat-testatur, mingħajr ma jkun hemm bżonn ta' sejħa ġudizzjarja għall-pagament tal-legat "meta l-legat ikun ta' fond jew ta' kapital jew ħaġ'oħra li tagħti frottijiet".

Apparti l-konsiderazzjoni illi l-attriċi fiċ-ċitazzjoni ma indikatx mill-liema data huwa pretiż li għandhom jibdew jgħaddu l-imgħax, din il-Qorti hija tal-fehma illi fil-każ preżenti ma għandhomx jibdew jgħaddu ħlief mid-data tal-kostituzzjoni in mora, iġifieri, il-ġurnata tan-notifika taċ-ċitazzjoni.

Il-lokuzzjoni tal-liġi "li tagħti frottijiet", bl-ingliż "producing fruits", għandha tiġi ntiża mhux fis-sens illi si tratta ta' ħaġa li tista' tipproduċi frutti imma li pproduċiethom.

Hekk ġie ritenut minn din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet: **Giovanna Carabott vs. Generoso Carabott et.**, deċiża fid-29 ta' Novembru, 1947 (Vol. XXXIII, ii, 142), fejn intqal hekk: "Jgħid sewwa r-Ricci, Vol. III, paġ. 886, para. 393:— "Per capitale fruttifero non deve intendersi una somma di denaro che è capace a prodursi interessi bensi'qual denaro che, trovandosi gia investito dallo stesso testatore, è stato destinato

a produrre interessi". Dan qalu b'kumment għall-art. 865 tal-Kodiċi Taljan li hu bħal dak tal-Kodiċi Malti bl-istess lokuzzjoni alternattiva "capitale od altra cosa fruttifera," kif fl-art, 765 tagħna jingħad, "kapital jew ħaġa oħra li tagħti frottijiet". Liema lokuzzjoni, in forza tar-regola interprettattiva ta' l-"eiusdem generis", turi ċar li anki l-kapital għandu jkun fruttiferu; dan apparti li l-kelma "kapital" waħedha, a differenza tal-kelma "somma", għandha tfisser somma impjegata bil-lukri. Il-ġurisprudenza estera kienet ukoll dejjem f'dan is-sens (ara deċiżjonijiet rapportati fil-Fadda art. 864, 865, para 26 bis; 27 etc.);

L-attriċi ma ġabet ebda prova li l-kapital kien fruttiferu fis-sens indikat u anzi jidher mid-dikjarazzjoni tal-avukat tal-konvenuti verbalizzat (fol: 16 tal-proċess) (għalkemm ma sarux provi fir-rigward) illi kellu jsir rikors quddiem is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti għall-bejgħ tas-sustanzi ereditarji biex jista' jitħallas il-legat;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tastjeni ruħha milli tiddeċiedi l-meritu ta' l-ewwel domanda, għaliex ġie rinunzjat, u tiddeċiedi billi tilqa' t-tieni domanda u b'hekk tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi s-somma ta'£3,000 bħala pagament tal-legat imħolli lilha bl-imsemmija testmenti, bl-imgħax legali minn notifika taċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż taż-żewġ domandi tassabbli bħal fil-każ ta' ammissjoni, jitħallsu mill-konvenuti.